RAKKOMANDAZZJONIJIET

# BANK ĊENTRALI EWROPEW

## RAKKOMANDAZZJOI TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW

**tal-31 ta' Mejju 2007**

**li temenda r-Rakkomandazzjoni BĊE/2004/16 dwar l-obbligi ta' rappurtar ta' statistika tal-Bank Ċentrali Ewropew fil-qasam ta' l-istatistika tal-bilanċ tal-pagamenti u tal-pożizzjoni internazzjonali ta' l-investiment, u l-mudell tar-riżervi internazzjonali**

**(BĊE/2007/4)**

(2007/C 136/02)

IL-KUNSILL GOVERNATTIV TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW,

Wara li kkunsidra l-Istatut tas-Sistema Ewropea tal-Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew, partikolarment l-Artikolu 5.1,

Billi:

(1) L-ewwel sentenza ta' l-Artikolu 5.1 ta' l-Istatut titlob lill-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE), assistit mill-banek ċentrali nazzjonali (BĊNi), biex jiġbor jew mill-awtoritajiet kompetenti minbarra l-BĊNi jew direttament minn aġenti ekonomiċi l-informazzjoni statistika meħtieġa sabiex ikun jista' jwettaq il-ħidmiet tas-Sistema Ewropea tal-Banek Ċentrali (SEBĊ). It-tieni sentenza ta' l-Artikolu 5.1 ta' l-Istatut jipprovdi li għal dawn l-iskopijiet il-BĊE għandu jikkoopera ma' l-istituzzjonijiet jew korpi tal-Komunita` u ma' l-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri jew terzi pajjiżi u ma` organizzazzjonijiet internazzjonali.

(2) L-informazzjoni li hija meħtieġa biex jiġu sodisfatti l-obbligi tal-BĊE fil-qasam ta' l-istatistika tal-bilanċ tal-pagamenti u tal-pożizzjoni internazzjonali ta' l-investiment tista' tinġabar u/jew ikkumpilata minn awtoritajiet kompetenti minbarra BĊNi. Għalhekk, xi wħud mill-ħidmiet biex jitwettqu biex jiġu sodisfatti dawn l-obbligi jeħtieġu kooperazzjoni bejn il-BĊE jew il-BĊNi u dawn l-awtoritajiet kompetenti, konformi ma' l-Artikolu 5.1. ta' l-Istatut. L-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2533/98 tat-23 ta' Novembru 1998 dwar il-ġbir ta' informazzjoni statistika mill-Bank Ċentrali Ewropew ([1]) jeħtieġ lill-Istati Membri biex jorganizzaw irwieħhom fil-qasam ta' l-istatistika u biex jikkooperaw bis-sħiħ mas-SEBĊ sabiex jiżguraw is-sodisfazzjon ta' l-obbligi li jqumu mill-Artikolu 5 ta' l-Istatut.

(3) Meta aktar Stati Membri jadottaw l-euro, ser jinħtieġ li jiġu kkompilati *data* b'lura għall-aggregat taż-żona ta' l-euro fil-kompożizzjoni ġdida tagħha, dwar l-istatistika tal-bilanċ tal-pagamenti (inkluż il-kont kurrenti aġġustat staġonalment) u l-pożizzjoni internazzjonali ta' l-investiment. Jinħtieġu għalhekk ċerti emendi tar-Rakkomandazzjoni BĊE/2004/16 tas-16 ta' Lulju 2004 dwar l-obbligi ta' rappurtar statistiku tal-Bank Ċentrali Ewropew fil-qasam ta' l-istatistika tal-bilanċ tal-pagamenti u l-pożizzjoni internazzjonali ta' l-investiment ([2]), biex jipprovdu għal tkabbir futur taż-żona tal-euro fir-rigward ta' l-għoti ta' data b'lura. Il-perijodu li għalih dawn id-data b'lura għandhom jingħataw jista' jiġi vvalutat mill-ġdid sa l-2010. Fil-każ ta' l-Irlanda u l-Italja, dawn id-data jkollhom jiġu rrappurtati mill-indirizzati ta' din ir-Rakkomandazzjoni,

ADOTTA DIN IR-RAKKOMANDAZZJONI:

### *Artikolu 1*

L-Annessi I, III, IV u VII tar-Rakkomandazzjoni BĊE/2004/16 huma emendati skond l-Annessi I, II, III, u IV rispettivament, ta' din ir-Rakkomandazzjoni.

([1]) ĠU L 318, 27.11.1998, p. 8.

([2]) ĠU Ċ 292, 30.11.2004, p. 21.

*Artikolu 2*

**Indirizzati**

Din ir-Rakkomandazzjoni hija indirizzata lill-Uffiċċju Ċentrali ta' l-Istatistika (CSO) fl-Irlanda u l-Ufficio Italiano dei Cambi (UIC) fl-Italja.

Magħmula fi Frankfurt am Main, fil-31 ta' Mejju 2007.

*Għall-Kunsill Governattiv tal-BĊE*

*Il-President tal-BĊE*

Jean-Claude TRICHET

---

*ANNESS I*

L-Anness I mar-Rakkomandazzjoni BĊE/2004/16 huwa emendat kif ġej:

1. Il-Paragrafu 1.6 huwa sostitwit b'li ġej:

"Minn Marzu 2008, jibdew b'*data* korrispondenti għal tranżazzjonijiet ta' Jannar 2008 u għal pożizzjonijiet ta' tmiem l-2007, sistemi ta' ġbir ta' l-investiment tal-portafoll għandhom jikkonformaw ma' wieħed mill-mudelli stabbiliti fit-tabella li tinsab fl-Anness VII. Il-mudell magħżul jista' jiddaħħal gradwalment biex jippermetti lill-BĊN individwali jilħaq il-kopertura fil-mira indikata fl-Anness VII mhux aktar tard minn Marzu 2009, fir-rigward ta' *stocks* ta' Diċmebru ta' l-2008."

2. Qed jiżdied is-subparagrafu 1.7 li ġej mat-tmiem tal-paragrafu 1:

"1.7 (a) Fir-rigward ta' kull Stat Membru li jadotta l-euro fl-1 ta' Jannar 2007, jew wara din id-data, kemm il-BĊN ta' dak l-Istat Membru u l-BĊNi ta' l-Istati Membri parteċipanti l-oħra kollha fil-ħin li dak l-Istat Membru jadotta l-euro, għandhom jipprovdu lill-BĊE b'*data* b'lura korrispondenti għad-*data* meħtieġa skond it-Tabelli 1 sa 8 ta' l-Anness III, sabiex tkun tista' ssir il-kumpilazzjoni ta' l-aggregati li jkopru ż-żona tal-euro fil-kompożizzjoni l-ġdida tagħha. Dawn il-BĊNi għandhom jipprovdu d-*data* b'lura mid-dati ta' referenza stabbiliti hawn isfel, bl-eċċezzjoni tat-tqassim imniżżel skond it-Tabella 13, li għalih l-ewwel perijodu ta' referenza biex jiġi rrappurtat għandu jkun dak indikat f'dik it-tabella. Id-*data* kollha b'lura tista' tingħata skond l-aħjar estimi.

(i) Jekk l-Istat Membru li jadotta l-euro ssieħeb fl-UE qabel Mejju 2004, id-*data* b'lura għandha tkopri, bħala minimu, il-perijodu mill-1999.

(ii) Jekk l-Istat Membru li jadotta l-euro ssieħeb fl-UE f'Mejju 2004, id-*data* b'lura għandha tkopri, bħala minimu, il-perijodu mill-2004.

(iii) Jekk l-Istat Membru li jadotta l-euro ssieħeb fl-UE wara Mejju 2004, id-*data* b'lura għandha tkopri, bħala minimu, il-perijodu mid-data li fiha dak l-Istat Membru ssieħeb fl-UE.

(b) Jekk id-*data* b'lura msemmija fis-subparagafu (a) ma tinkludix diġa` osservazzjonijiet ta' kull xahar li jkopru ħames snin għal kull wieħed mill-erba' subpartiti prinċipali tal-kont kurrenti tal-bilanċ tal-pagamenti, jiġifieri prodotti, servizzi, dħul u trasferimenti kurrenti, allura l-BĊNi għandhom jiżguraw li d-*data* li huma jipprovdu tinkludi dawn l-osservazzjonijiet."

3. Is-subparagrafu 2.6 huwa sostitwit b'li ġej:

"Tranżazzjonijiet u pożizzjonijiet f'titoli ta' debitu mqassmin skond il-valuta tal-ħruġ għandhom isiru disponibbli lill-BĊE fi żmien sitt xhur mit-tmiem tal-perijodu li dwaru għandha x'taqsam id-*data*."

4. Qiegħed jiddaħħal ġdid is-subparagrafu 4.4.a li ġej:

"4.4a L-aħjar estimi huma permessi għat-tqassim li ġej fit-Tabella 2 ta' l-Anness III:

(a) subpartiti ta' dħul minn investiment ieħor: I Ċ 2.3.1 sa Ċ 2.3.3, u partiti ta' memorandum 1 sa 4;

(b) subpartiti ta' trasferimenti kurrenti: I D 1.1 sa D 1.8 u D 2.2.1 sa D 2.2.11; u

(ċ) subpartiti ta' trasferimenti kapitali: II A.1 u A.2."

*ANNESS II*

L-Anness III tar-Rakkomandazzjoni BĊE/2004/16 huwa emendat kif ġej:

1. It-Tabella 2 hija sostitwita b'dan li ġej:

*"Tabella 2*

**Kontribuzzjonijiet nazzjonali trimestrali għall-bilanċ tal-pagamenti taż-żona ta' l-euro** ([1])

| | Kreditu | Debitu | Nett |
|---|---|---|---|
| I. **Kont kurrenti** | | | |
| A. Prodotti | *ekstra* | *ekstra* | *ekstra* |
| B. Servizzi | *ekstra* | *ekstra* | *ekstra* |
| C. Dħul | | | |
| 1. Kumpens ta' l-impjegati | *ekstra* | *ekstra* | *ekstra* |
| 2. Dħul mill-investiment | | | |
| 2.1. Investiment dirett | *ekstra* | *ekstra* | *ekstra* |
| 2.1.1. Dħul minn interess azzjonarju | *ekstra* | *ekstra* | *ekstra* |
| 2.1.1.1. Dividendi u profitt imqassam | *ekstra* | *ekstra* | *ekstra* |
| 2.1.1.2. Qligħ riinvestit u profitt mhux imqassam | *ekstra* | *ekstra* | *ekstra* |
| 2.1.2. Dħul minn dejn (imgħax) | *ekstra* | *ekstra* | *ekstra* |
| 2.2. Investiment tal-portafoll | *ekstra* | | *nazzjonali* |
| 2.2.1. Dħul minn interess azzjonarju | *ekstra* | | *nazzjonali* |
| 2.2.2. Dħul minn dejn (imgħax) | *ekstra* | | *nazzjonali* |
| 2.2.2.1. Bonds u noti | *ekstra* | | *nazzjonali* |
| 2.2.2.2. Strumenti tas-suq tal-flus | *ekstra* | | *nazzjonali* |
| 2.3. Investiment ieħor | *ekstra* | *ekstra* | *Ekstra* |
| 2.3.1. *Imgħax skond BPM5 (mhux aġġustat għal FISIM)* ([2]) | *ekstra* | *ekstra* | *Ekstra* |
| 2.3.2. Dħul attribwit lil detenturi ta' polza ta' assigurazzjoni | *ekstra* | *ekstra* | *Ekstra* |
| 2.3.3. Oħrajn | *ekstra* | *ekstra* | *Ekstra* |
| Partita tal-memorandum: | | | |
| 1. *dħul minn investiment- imgħax skond is-SNA93* ([3]) *(aġġustat għall-FISIM)* | *ekstra* | | |
| 2. *valur ta' FISIM* | *ekstra* | *ekstra* | *ekstra* |
| 3. *dħul minn investiment- imgħax skond BPM5 (mhux aġġustat għalFISIM)* | *ekstra* | | |
| 4. *dħul minn investiment- imma mhux imgħax* | *ekstra* | | |

| | Kreditu | Debitu | Nett |
|---|---|---|---|
| D. Trasferimenti kurrenti | *ekstra* | *ekstra* | *ekstra* |
| 1. Gvern ġenerali | *ekstra* | *ekstra* | *ekstra* |
| 1.1. *taxxi fuq prodotti* | *ekstra* | *ekstra* | *ekstra* |
| 1.2. *taxxi oħrajn fuq il-produzzjoni* | *ekstra* | *ekstra* | *ekstra* |
| 1.3. *sussidji fuq prodotti* | *ekstra* | *ekstra* | *ekstra* |
| 1.4. *sussidji oħrajn fuq prodotti* | *ekstra* | *ekstra* | *ekstra* |
| 1.5. *taxxi fuq id-dħul, il-ġid, eċċ.* | *ekstra* | *ekstra* | *ekstra* |
| 1.6. *kontribuzzjonijiet soċjali* | *ekstra* | *ekstra* | *ekstra* |
| 1.7. *benefiċċji soċjali li ma jkunux trasferimenti soċjali in natura* | *ekstra* | *ekstra* | *ekstra* |
| 1.8. *trasferimenti kurrenti oħrajn tal-gvern ġenerali* | *ekstra* | *ekstra* | *ekstra* |
| 2. Setturi oħrajn | *ekstra* | *ekstra* | *ekstra* |
| 2.1. ħlasijiet tal-ħaddiema | *ekstra* | *ekstra* | *ekstra* |
| 2.2. trasferimenti ta' l-oħrajn | *ekstra* | *ekstra* | *ekstra* |
| 2.2.1. *taxxi fuq prodotti* | *ekstra* | *ekstra* | *ekstra* |
| 2.2.2. *taxxi oħrajn fuq il-produzzjoni* | *ekstra* | *ekstra* | *ekstra* |
| 2.2.3. *sussidji fuq prodotti* | *ekstra* | *ekstra* | *ekstra* |
| 2.2.4. *sussidji oħrajn fuq prodotti* | *ekstra* | *ekstra* | *ekstra* |
| 2.2.5. *taxxi fuq id-dħul, il-ġid, eċċ.* | *ekstra* | *ekstra* | *ekstra* |
| 2.2.6. *kontribuzzjonijiet soċjali* | *ekstra* | *ekstra* | *ekstra* |
| 2.2.7. *benefiċċji soċjali li ma jkunux trasferimenti soċjali in natura* | *ekstra* | *ekstra* | *ekstra* |
| 2.2.8. *primjums netti ta' l-assigurazzjoni mhux fuq il-ħajja* | *ekstra* | *ekstra* | *ekstra* |
| 2.2.9. *klejms ta' l-assigurazzjoni mhux fuq il-ħajja* | *ekstra* | *ekstra* | *ekstra* |
| 2.2.10. *trasferimenti kurrenti oħrajn ta' setturi oħrajn mhux inklużi x'imkien ieħor* | *ekstra* | *ekstra* | *ekstra* |
| 2.2.11. *aġġustament għall-bidla fil-parteċipazzjoni azzjonarja netta tad-djar f'riżervi ta' fondi tal-pensjoni* | *ekstra* | *ekstra* | *ekstra* |
| II. **Kont kapitali** | *ekstra* | *ekstra* | *ekstra* |
| A. Trasferimenti kapitali | *ekstra* | *ekstra* | *ekstra* |
| 1. *taxxi kapitali* | *ekstra* | *ekstra* | *ekstra* |
| 2. *għotjiet ta' investiment u trasferimenti kapitali oħrajn* | *ekstra* | *ekstra* | *ekstra* |
| B. Akkwist/bejgħ ta' assi mhux fiannzjarji mhux prodotti | *ekstra* | *ekstra* | *ekstra* |
| | Attiv Nett | Passiv Nett | Nett |
| III. **Kont finanzjarju** | | | |
| 1. Investiment dirett | | | *ekstra* |
| 1.1. Barra mill-pajjiż | | | *ekstra* |
| 1.1.1. Interess azzjonarju | | | *ekstra* |
| 1.1.1.1. MFIs (minbarra l-banek ċentrali) | | | *ekstra* |
| 1.1.1.2. Setturi oħrajn | | | *ekstra* |

| | Attiv Nett | Passiv Nett | Nett |
|---|---|---|---|
| 1.1.2. Dħul investit mill-ġdid | | | ekstra |
| 1.1.2.1. MFIs (minbarra l-banek ċentrali) | | | *ekstra* |
| 1.1.2.2. Setturi oħrajn | | | *ekstra* |
| 1.1.3. Kapital ieħor | | | *ekstra* |
| 1.1.3.1. MFIs (minbarra l-banek ċentrali) | | | *ekstra* |
| 1.1.3.2. Setturi oħrajn | | | *ekstra* |
| 1.2. Fil-pajjiż tar-rappurtar | | | *ekstra* |
| 1.2.1. Kapital ta' parteċipazzjoni azzjonarja | | | *ekstra* |
| 1.2.1.1. MFIs (minbarra l-banek ċentrali) | | | *ekstra* |
| 1.2.1.2. Setturi oħrajn | | | *ekstra* |
| 1.2.2. Dħul investit mill-ġdid | | | *ekstra* |
| 1.2.2.1. MFIs (minbarra l-banek ċentrali) | | | *ekstra* |
| 1.2.2.2. Setturi oħrajn | | | *ekstra* |
| 1.2.3. Kapital ieħor | | | *ekstra* |
| 1.2.3.1. MFIs (minbarra l-banek ċentrali) | | | *ekstra* |
| 1.2.3.2. Setturi oħrajn | | | *ekstra* |
| 2. Investiment tal-portafoll | *intra/ekstra* | *nazzjonali* | |
| 2.1. Titoli ta' parteċipazzjoni azzjonarja | *intra/ekstra* | *nazzjonali* | |
| *li minnhom: Fondi ta' investiment u ishma ta' fondi tas-suq tal-flus* | *intra/ekstra* | *nazzjonali* | |
| (i) *miżmumin minn awtoritajiet monetarji* | *ekstra* | | |
| (ii) *miżmumin minn gvern ġenerali* | *ekstra* | | |
| (iii) *miżmumin minn MFIs (minbarra l-banek ċentrali)* | *ekstra* | | |
| (iv) *miżmumin minn setturi oħrajn* | *ekstra* | | |
| 2.1.1. Miżmumin minn awtoritajiet monetarji | *ekstra* | | |
| 2.1.2. Miżmumin minn gvern ġenerali | *ekstra* | | |
| 2.1.3. Maħruġin minn MFIs (minbarra l-banek ċentrali) | *intra* | *nazzjonali* | |
| 2.1.4. Miżmumin minn MFIs (minbarra l-banek ċentrali) | *ekstra* | | |
| 2.1.5. Maħruġin minn setturi oħrajn | *intra* | *nazzjonali* | |
| 2.1.6. Miżmumin minn setturi oħrajn | *ekstra* | | |
| 2.2. Titoli ta' debitu | *intra/ekstra* | *nazzjonali* | |
| 2.2.1. Bonds u noti | *intra/ekstra* | *nazzjonali* | |
| 2.2.1.1. Maħruġin minn awtoritajiet monetarji | *intra* | *nazzjonali* | |
| 2.2.1.2. Miżmumin minn awtoritajiet monetarji | *ekstra* | | |
| 2.2.1.3. Maħruġin minn gvern ġenerali | *intra* | *nazzjonali* | |

| | Attiv Nett | Passiv Nett | Nett |
|---|---|---|---|
| 2.2.1.4. Miżmumin minn gvern ġenerali | ekstra | | |
| 2.2.1.5. Maħruġin minn MFIs (minbarra l-banek ċentrali) | *intra* | *nazzjonali* | |
| 2.2.1.6. Miżmumin minn MFIs (minbarra l-banek ċentrali) | *ekstra* | | |
| 2.2.1.7. Maħruġin minn setturi oħrajn | *intra* | *nazzjonali* | |
| 2.2.1.8. Miżmumin minn setturi oħrajn | *ekstra* | | |
| 2.2.2. Strumenti tas-suq tal-flus | *intra/ekstra* | *nazzjonali* | |
| 2.2.2.1. Maħruġin minn awtoritajiet monetarji | *intra* | *nazzjonali* | |
| 2.2.2.2. Miżmumin minn awtoritajiet monetarji | *ekstra* | | |
| 2.2.2.3. Maħruġin minn gvern ġenerali | *intra* | *nazzjonali* | |
| 2.2.2.4. Miżmumin minn gvern ġenerali | *ekstra* | | |
| 2.2.2.5. Maħruġin minn MFIs (minbarra l-banek ċentrali) | *intra* | *nazzjonali* | |
| 2.2.2.6. Miżmumin minn MFIs (minbarra l-banek ċentrali) | *ekstra* | | |
| 2.2.2.7. Maħruġin minn setturi oħrajn | *intra* | *nazzjonali* | |
| 2.2.2.8. Miżmumin minn setturi oħrajn | *ekstra* | | |
| 3. Derivattivi finanzjarji | | | *nazzjonali* |
| 3.1. Awtoritajiet monetarji | | | *nazzjonali* |
| 3.2. Gvern ġenerali | | | *nazzjonali* |
| 3.3. MFIs (minbarra l-banek ċentrali) | | | *nazzjonali* |
| 3.4. Setturi oħrajn | | | *nazzjonali* |
| 4. Investiment ieħor | *ekstra* | *ekstra* | *ekstra* |
| 4.1. Awtoritajiet monetarji | *ekstra* | *ekstra* | |
| 4.1.1. Self/valuta u depożiti | *ekstra* | *ekstra* | |
| 4.1.2. Attiv/passiv ieħor | *ekstra* | *ekstra* | |
| 4.2. Gvern ġenerali | *ekstra* | *ekstra* | |
| 4.2.1. Krediti tal-kummerċ | *ekstra* | *ekstra* | |
| 4.2.2. Self/valuta u depożiti | *ekstra* | *ekstra* | |
| 4.2.2.1. Self | *ekstra* | | |
| 4.2.2.2. Valuta u depożiti | *ekstra* | | |
| 4.2.3. Attiv/passiv ieħor | *ekstra* | *ekstra* | |
| 4.3. MFIs (minbarra l-banek ċentrali) | *ekstra* | *ekstra* | |
| 4.3.1. Self/valuta u depożiti | *ekstra* | *ekstra* | |
| 4.3.2. Attiv/passiv ieħor | *ekstra* | *ekstra* | |

| | Attiv Nett | Passiv Nett | Nett |
|---|---|---|---|
| 4.4. Setturi oħrajn | ekstra | ekstra | |
| 4.4.1. Krediti tal-kummerċ | *ekstra* | *ekstra* | |
| 4.4.2. Self/valuta u depożiti | *ekstra* | *ekstra* | |
| 4.4.2.1. Self | *ekstra* | | |
| 4.4.2.2. Valuta u depożiti | *ekstra* | | |
| 4.4.3. Attiv/passiv ieħor | *ekstra* | *ekstra* | |
| 5. Attiv ta' Riżerva | *ekstra* | | |
| 5.1. Deheb monetarju | *ekstra* | | |
| 5.2. Drittijiet speċjali tal-ġbid | *ekstra* | | |
| 5.3. Pożizzjoni ta' riżerva fl-IMF | *ekstra* | | |
| 5.4. Kambju barrani | *ekstra* | | |
| 5.4.1. Valuta u depożiti | *ekstra* | | |
| 5.4.1.1. ma' l-awtoritajiet monetarji u l-BIS | *ekstra* | | |
| 5.4.1.2. ma' MFIs oħrajn | *ekstra* | | |
| 5.4.2. Titoli | *ekstra* | | |
| 5.4.2.1. Parteċipazzjonijiet azzjonarji | *ekstra* | | |
| 5.4.2.2. Bonds u noti | *ekstra* | | |
| 5.4.2.3. Strumenti tas-suq tal-flus | *ekstra* | | |
| 5.4.3. Derivattivi finanzjarji | *ekstra* | | |
| 5.5. Klejms oħrajn | *ekstra* | | |

(1) 'ekstra' tfisser it-tranżazzjonijiet ma' persuni mhux residenti fiż-żona tal-euro (fir-rigward ta' l-assi minn portafoll ta' investiment u dħul relatat din tirreferi għar-residenza ta' dawk li johorġuhom)
'intra' tfisser it-tranżazzjonijiet bejn Stati Membri differenti taż-żona tal-euro
'nazzjonali' tfisser it-tranżazzjonijiet internazzjonali kollha minn residenti ta' xi Stat Membru parteċipanti (użata biss f'konnessjoni mal-passiv tal-kontijiet tal-portafoll ta' investiment u l-bilanċ nett tal-kontijiet ta' derivattivi finanzjarji).
(2) Servizzi ta' intermedjazzjoni finanzjarja mkejla indirettament.
(3) Sistema ta' Kontijiet Nazzjonali 1993."

2. It-Tabella 4 hija sostitwita b'dan li ġej:

*"Tabella 4*

**Kontribuzzjonijiet nazzjonali trimestrali għall-pożizzjoni internazzjonali ta' l-investiment taż-żona ta' l-euro** (1)

| | Attiv | Passiv | Nett |
|---|---|---|---|
| I. **Investiment dirett** | | | *ekstra* |
| 1.1. Barra mill-pajjiż | | | *ekstra* |
| 1.1.1. — Interess azzjonarju u dħul investit mill-ġdid | | | *ekstra* |
| 1.1.1.1. MFIs (minbarra l-banek ċentrali) | | | *ekstra* |
| 1.1.1.2. Setturi oħrajn | | | *ekstra* |
| 1.1.2. — Kapital ieħor | | | *ekstra* |
| 1.1.2.1. MFIs (minbarra l-banek ċentrali) | | | *ekstra* |
| 1.1.2.2. Setturi oħrajn | | | *ekstra* |

| | Attiv | Passiv | Nett |
|---|---|---|---|
| 1.2. Fl-ekonomija li tirrapporta | | | *ekstra* |
| 1.2.1. — Interess azzjonarju u dħul investit mill-ġdid | | | *ekstra* |
| 1.2.1.1. MFIs (minbarra l-bank ċentrali) | | | *ekstra* |
| 1.2.1.2. Setturi oħrajn | | | *ekstra* |
| 1.2.2. — Kapital ieħor | | | *ekstra* |
| 1.2.2.1. MFIs (minbarra l-bank ċentrali) | | | *ekstra* |
| 1.2.2.2. Setturi oħrajn | | | *ekstra* |
| II. **Investiment tal-portafoll** | | | *nazzjonali* |
| 2.1. Titoli ta' parteċipazzjoni azzjonarja | *intra/ekstra* | *nazzjonali* | |
| *li minnhom: Fondi ta' investiment u ishma ta' fondi tas-suq tal-flus* | *intra/ekstra* | *nazzjonali* | |
| (i) *miżmumin minn awtoritajiet monetarji* | *ekstra* | | |
| (ii) *miżmumin minn gvern ġenerali* | *ekstra* | | |
| (iii) *miżmumin minn MFIs (minbarra l-bank ċentrali)* | *ekstra* | | |
| (iv) *miżmumin minn setturi oħrajn* | *ekstra* | | |
| 2.1.1. Miżmumin minn awtoritajiet monetarji | *ekstra* | | |
| 2.1.2. Miżmumin minn gvern ġenerali | *ekstra* | | |
| 2.1.3. Maħruġin minn MFIs (minbarra l-bank ċentrali) | *intra* | *nazzjonali* | |
| 2.1.4. Miżmumin minn MFIs (minbarra l-bank ċentrali) | *ekstra* | | |
| 2.1.5. Maħruġin minn setturi oħrajn | *intra* | *nazzjonali* | |
| 2.1.6. Miżmumin minn setturi oħrajn | *ekstra* | | |
| 2.2. Titoli ta' debitu | *intra/ekstra* | *nazzjonali* | |
| 2.2.1. Bonds u noti | *intra/ekstra* | *nazzjonali* | |
| 2.2.1.1. Maħruġin minn awtoritajiet monetarji | *intra* | *nazzjonali* | |
| 2.2.1.2. Miżmumin minn awtoritajiet monetarji | *ekstra* | | |
| 2.2.1.3. Maħruġin minn gvern ġenerali | *intra* | *nazzjonali* | |
| 2.2.1.4. Miżmumin minn gvern ġenerali | *ekstra* | | |
| 2.2.1.5. Maħruġin minn MFIs (minbarra l-bank ċentrali) | *intra* | *nazzjonali* | |
| 2.2.1.6. Miżmumin minn MFIs (minbarra l-bank ċentrali) | *ekstra* | | |
| 2.2.1.7. Maħruġin minn setturi oħrajn | *intra* | *nazzjonali* | |
| 2.2.1.8. Miżmumin minn setturi oħrajn | *ekstra* | | |
| 2.2.2. Strumenti tas-suq tal-flus | *intra/ekstra* | *nazzjonali* | |
| 2.2.2.1. Maħruġin minn awtoritajiet monetarji | *intra* | *nazzjonali* | |
| 2.2.2.2. Miżmumin minn awtoritajiet monetarji | *ekstra* | | |
| 2.2.2.3. Maħruġin minn gvern ġenerali | *intra* | *nazzjonali* | |

| | Attiv | Passiv | Nett |
|---|---|---|---|
| 2.2.2.4. Miżmumin minn gvern ġenerali | *ekstra* | | |
| 2.2.2.5. Mahruġin minn MFIs (minbarra l-banek ċentrali) | *intra* | *nazzjonali* | |
| 2.2.2.6. Miżmumin minn MFIs (minbarra l-banek ċentrali) | *ekstra* | | |
| 2.2.2.7. Mahruġin minn setturi oħrajn | *intra* | *nazzjonali* | |
| 2.2.2.8. Miżmumin minn setturi oħrajn | *ekstra* | | |
| III. **Derivattivi finanzjarji** | *ekstra* | *ekstra* | *ekstra* |
| 3.1. Awtoritajiet monetarji | *ekstra* | *ekstra* | *ekstra* |
| 3.2. Gvern ġenerali | *ekstra* | *ekstra* | *ekstra* |
| 3.3. MFIs (minbarra l-banek ċentrali) | *ekstra* | *ekstra* | *ekstra* |
| 3.4. Setturi oħrajn | *ekstra* | *ekstra* | *ekstra* |
| IV. **Investiment ieħor** | *ekstra* | *ekstra* | *ekstra* |
| 4.1. Awtoritajiet monetarji | *ekstra* | *ekstra* | |
| 4.1.1. Self/valuta u depożiti | *ekstra* | *ekstra* | |
| 4.1.2. Attiv/passiv ieħor | *ekstra* | *ekstra* | |
| 4.2. Gvern ġenerali | *ekstra* | *ekstra* | |
| 4.2.1. Krediti tal-kummerċ | *ekstra* | *ekstra* | |
| 4.2.2. Self/valuta u depożiti | *ekstra* | *ekstra* | |
| 4.2.2.1. Self | *ekstra* | | |
| 4.2.2.2. Valuta u depożiti | *ekstra* | | |
| 4.2.3. Attiv/passiv ieħor | *ekstra* | *ekstra* | |
| 4.3. MFIs (minbarra l-banek ċentrali) | *ekstra* | *ekstra* | |
| 4.3.1. Self/valuta u depożiti | *ekstra* | *ekstra* | |
| 4.3.2. Attiv/passiv ieħor | *ekstra* | *ekstra* | |
| 4.4. Setturi oħrajn | *ekstra* | *ekstra* | |
| 4.4.1. Krediti tal-kummerċ | *ekstra* | *ekstra* | |
| 4.4.2. Self/valuta u depożiti | *ekstra* | *ekstra* | |
| 4.4.2.1. Self | *ekstra* | | |
| 4.4.2.2. Valuta u depożiti | *ekstra* | | |
| 4.4.3. Attiv/passiv ieħor | *ekstra* | *ekstra* | |
| V. **Attiv ta' riżerva** | *ekstra* | | |
| 5.1. Deheb monetarju | *ekstra* | | |
| 5.2. Drittijiet speċjali tal-ġbid | *ekstra* | | |
| 5.3. Pożizzjoni ta' riżerva fl-IMF | *ekstra* | | |
| 5.4. Kambju barrani | *ekstra* | | |
| 5.4.1. Valuta u depożiti | *ekstra* | | |
| 5.4.1.1. ma' awtoritajiet monetarji u l-BIS | *ekstra* | | |
| 5.4.1.2. ma' MFIs oħrajn | *ekstra* | | |

| | Attiv | Passiv | Nett |
|---|---|---|---|
| 5.4.2. Titoli | *ekstra* | | |
| 5.4.2.1. Parteċipazzjonijiet azzjonarji | *ekstra* | | |
| 5.4.2.2. Bonds u noti | *ekstra* | | |
| 5.4.2.3. Strumenti tas-suq tal-flus | *ekstra* | | |
| 5.4.3. Derivattivi finanzjarji | *ekstra* | | |
| 5.5. Klejms oħrajn | *ekstra* | | |

(1) 'ekstra' tfisser it-tranżazzjonijiet ma' persuni mhux residenti fiż-żona tal-euro (fir-rigward ta' l-assi minn portafoll ta' investiment u dħul relatat din tirreferi għar-residenza ta' dawk li joħorġuhom)

'intra' tfisser it-tranżazzjonijiet bejn Stati Membri differenti taż-żona tal-euro

'nazzjonali' tfisser it-tranżazzjonijiet internazzjonali kollha minn residenti ta' xi Stat Membru parteċipanti (użata biss f'konnessjoni mal-passiv tal-kontijiet ta' l-investiment tal-portafoll)."

3. It-Tabella 5 hija sostitwita b'dan li ġej:

*"Tabella 5*

**Kontribuzzjonijiet nazzjonali annwali għall-pożizzjoni internazzjonali ta' l-investiment taż-żona ta' l-euro** (1)

| | Attiv | Passiv | Nett |
|---|---|---|---|
| I. **Investiment dirett** | | | *ekstra* |
| 1.1. Barra mill-pajjiż | | | *ekstra* |
| 1.1.1. — Parteċipazzjoni azzjonarja u dħul investit mill-ġdid | | | *ekstra* |
| 1.1.1.1. MFIs (minbarra l-banek ċentrali) | | | *ekstra* |
| 1.1.1.2. Setturi oħrajn | | | *ekstra* |
| *li minnhom:* | | | |
| 1.1.1.A *Stocks* f'kumpanniji rreġistrati f'borża barranin (valuri tas-suq) | | | *ekstra* |
| 1.1.1.B *Stocks* f'kumpanniji mhux irreġistrati f'borża barranin (valuri kontabbli) | | | *ekstra* |
| *Partita tal-memorandum:* | | | |
| *Stocks f'kumpanniji rreġistrati f'borża barranin (valuri kontabbli)* | | | *ekstra* |
| 1.1.2. — Kapital ieħor | | | *ekstra* |
| 1.1.2.1. MFIs (minbarra l-banek ċentrali) | | | *ekstra* |
| 1.1.2.2. Setturi oħrajn | | | *ekstra* |
| 1.2. Fl-ekonomija tar-rappurtar | | | *ekstra* |
| 1.2.1. — Parteċipazzjoni azzjonarja u dħul investit mill-ġdid | | | *ekstra* |
| 1.2.1.1. MFIs (minbarra l-banek ċentrali) | | | *ekstra* |
| 1.2.1.2. Setturi oħrajn | | | *ekstra* |
| *li minnhom:* | | | |
| 1.2.1.A *Stocks* ta' parteċipazzjoni azzjonarja f'kumpanniji rreġistrati f'borża fiż-żona ta' l-euro (valuri tas-suq) | | | *ekstra* |

| | Attiv | Passiv | Nett |
|---|---|---|---|
| 1.2.1.B *Stocks* ta' parteċipazzjoni azzjonarja f'kumpanniji mhux irreġistrati f'borża fiż-żona ta' l-euro (valuri kontabbli) | | | *ekstra* |
| *Partita tal-memorandum:* | | | |
| *Stocks ta' parteċipazzjoni azzjonarja f'kumpanniji rreġistrati f'borża fiż-żona ta' l-euro (valuri kontabbli)* | | | *ekstra* |
| 1.2.2. — Kapital ieħor | | | *ekstra* |
| 1.2.2.1. MFIs (minbarra l-banek ċentrali) | | | *ekstra* |
| 1.2.2.2. Setturi oħrajn | | | *ekstra* |
| II. **Investiment tal-portafoll** | | | *nazzjonali* |
| 2.1. Titoli ta' parteċipazzjoni azzjonarja | *intra/ekstra* | *nazzjonali* | |
| *li minnhom: Fondi ta' investiment u ishma ta' fondi tas-suq tal-flus* | *intra/ekstra* | *nazzjonali* | |
| (i) *miżmumin minn awtoritajiet monetarji* | *ekstra* | | |
| (ii) *miżmumin minn gvern ġenerali* | *ekstra* | | |
| (iii) *miżmumin minn MFIs (minbarra l-banek ċentrali)* | *ekstra* | | |
| (iv) *miżmumin minn setturi oħrajn* | *ekstra* | | |
| 2.1.1. Miżmumin minn awtoritajiet monetarji | *ekstra* | | |
| 2.1.2. Miżmumin minn gvern ġenerali | *ekstra* | | |
| 2.1.3. Maħruġin minn MFIs (minbarra l-banek ċentrali) | *intra* | *nazzjonali* | |
| 2.1.4. Miżmumin minn MFIs (minbarra l-banek ċentrali) | *ekstra* | | |
| 2.1.5. Maħruġin minn setturi oħrajn | *intra* | *nazzjonali* | |
| 2.1.6. Miżmumin minn setturi oħrajn | *ekstra* | | |
| 2.2. Titoli ta' debitu | *intra/ekstra* | *nazzjonali* | |
| 2.2.1. Bonds u noti | *intra/ekstra* | *nazzjonali* | |
| 2.2.1.1. Maħruġin minn awtoritajiet monetarji | *intra* | *nazzjonali* | |
| 2.2.1.2. Miżmumin minn awtoritajiet monetarji | *ekstra* | | |
| 2.2.1.3. Maħruġin minn gvern ġenerali | *intra* | *nazzjonali* | |
| 2.2.1.4. Miżmumin minn gvern ġenerali | *ekstra* | | |
| 2.2.1.5. Maħruġin minn MFIs (minbarra l-banek ċentrali) | *intra* | *nazzjonali* | |
| 2.2.1.6. Miżmumin minn MFIs (minbarra l-banek ċentrali) | *ekstra* | | |
| 2.2.1.7. Maħruġin minn setturi oħrajn | *intra* | *nazzjonali* | |
| 2.2.1.8. Miżmumin minn setturi oħrajn | *ekstra* | | |
| 2.2.2. Strumenti tas-suq tal-flus | *intra/ekstra* | *nazzjonali* | |
| 2.2.2.1. Maħruġin minn awtoritajiet monetarji | *intra* | *nazzjonali* | |
| 2.2.2.2. Miżmumin minn awtoritajiet monetarji | *ekstra* | | |

| | Attiv | Passiv | Nett |
|---|---|---|---|
| 2.2.2.3. Maħruġin minn gvern ġenerali | *intra* | *nazzjonali* | |
| 2.2.2.4. Miżmumin minn gvern ġenerali | *ekstra* | | |
| 2.2.2.5. Maħruġin minn MFIs (minbarra l-banek ċentrali) | *intra* | *nazzjonali* | |
| 2.2.2.6. Miżmumin minn MFIs (minbarra l-banek ċentrali) | *ekstra* | | |
| 2.2.2.7. Maħruġin minn setturi oħrajn | *intra* | *nazzjonali* | |
| 2.2.2.8. Miżmumin minn setturi oħrajn | *ekstra* | | |
| III. **Derivattivi finanzjarji** | *ekstra* | *ekstra* | *ekstra* |
| 3.1. Awtoritajiet monetarji | *ekstra* | *ekstra* | *ekstra* |
| 3.2. Gvern ġenerali | *ekstra* | *ekstra* | *ekstra* |
| 3.3. MFIs (minbarra l-banek ċentrali) | *ekstra* | *ekstra* | *ekstra* |
| 3.4. Setturi oħrajn | *ekstra* | *ekstra* | *ekstra* |
| IV. **Investiment ieħor** | *ekstra* | *ekstra* | *ekstra* |
| 4.1. Awtoritajiet monetarji | *ekstra* | *ekstra* | |
| 4.1.1. Self/valuta u depożiti | *ekstra* | *ekstra* | |
| 4.1.2. Attiv/passiv ieħor | *ekstra* | *ekstra* | |
| 4.2. Gvern ġenerali | *ekstra* | *ekstra* | |
| 4.2.1. Krediti tal-kummerċ | *ekstra* | *ekstra* | |
| 4.2.2. Self/valuta u depożiti | *ekstra* | *ekstra* | |
| 4.2.2.1. Self | *ekstra* | | |
| 4.2.2.2. Valuta u depożiti | *ekstra* | | |
| 4.2.3. Attiv/passiv ieħor | *ekstra* | *ekstra* | |
| 4.3. MFIs (minbarra l-banek ċentrali) | *ekstra* | *ekstra* | |
| 4.3.1. Self/valuta u depożiti | *ekstra* | *ekstra* | |
| 4.3.2. Attiv/passiv ieħor | *ekstra* | *ekstra* | |
| 4.4. Setturi oħrajn | *ekstra* | *ekstra* | |
| 4.4.1. Krediti tal-kummerċ | *ekstra* | *ekstra* | |
| 4.4.2. Self/valuta u depożiti | *ekstra* | *ekstra* | |
| 4.4.2.1. Self | *ekstra* | | |
| 4.4.2.2. Valuta u depożiti | *ekstra* | | |
| 4.4.3. Attiv/passiv ieħor | *ekstra* | *ekstra* | |
| V. **Attiv ta' riżerva** | *ekstra* | | |
| 5.1. Deheb monetarju | *ekstra* | | |
| 5.2. Drittijiet speċjali tal-ġbid | *ekstra* | | |
| 5.3. Pożizzjoni ta' riżerva fl-IMF | *ekstra* | | |
| 5.4. Kambju barrani | *ekstra* | | |
| 5.4.1. Valuta u depożiti | *ekstra* | | |
| 5.4.1.1. ma' awtoritajiet monetarji u l-BIS | *ekstra* | | |
| 5.4.1.2. ma' MFIs oħrajn | *ekstra* | | |

| | Attiv | Passiv | Nett |
|---|---|---|---|
| 5.4.2. Titoli | *ekstra* | | |
| 5.4.2.1. Parteċipazzjonijiet azzjonarji | *ekstra* | | |
| 5.4.2.2. Bonds u noti | *ekstra* | | |
| 5.4.2.3. Strumenti tas-suq tal-flus | *ekstra* | | |
| 5.4.3. Derivattivi finanzjarji | *ekstra* | | |
| 5.5. Klejms oħrajn | *ekstra* | | |

(1) 'ekstra' tfisser it-tranżazzjonijiet ma' persuni mhux residenti fiż-żona tal-euro (fir-rigward ta' l-assi minn portafoll ta' investiment u dħul relatat din tirreferi għar-residenza ta' dawk li joħorġuhom)

'intra' tfisser it-tranżazzjonijiet bejn Stati Membri differenti taż-żona tal-euro

'nazzjonali' tfisser it-tranżazzjonijiet internazzjonali kollha minn residenti ta' xi Stat Membru parteċipanti (użata biss f'konnessjoni mal-passiv tal-kontijiet ta' l-investiment tal-portafoll)."

4. It-Tabella 9 hija sostitwita b'dan li ġej:

*"Tabella 9*

**Tqassim ġeografiku tal-BĊE għal flussi trimestrali tal-bilanċ tal-pagamenti u għad-*data* annwali tal-pożizzjoni internazzjonali ta' l-investiment**

- Id-Danimarka
- L-Iżveja
- Ir-Renju Unit
- Stati Membri ta' l-UE barra ż-żona ta' l-euro u bl-esklużjoni tad-Danimarka, l-Iżvezja u r-Renju Unit (1)
- L-istituzzjonijiet ta' l-UE (2)
- L-Iżvizzera
- Il-Kanada
- L-Istati Uniti
- Il-Ġappun
- Ċentri *offshore* (3)
  - li minnhom: Hong Kong
- Organizzazzjonijiet internazzjonali ħlief għall-istituzzjonijiet ta' l-UE (4)
- Il-Brażil
- Iċ-Ċina
- L-Indja
- Il-Federazzjoni Russa

(1) M'hu meħtieġ l-ebda tqassim individwali.
(2) Ara l-kompożizzjoni fit-Tabella 12. M'hu meħtieġ l-ebda tqassim individwali.
(3) Obbligatorju biss għall-kont tal-bilanċ tal-pagamenti, il-kontijiet tad-dħul relatati u l-pożizzjoni internazzjonali ta' l-investiment. Iċ-ċirkolazzjonijiet tal-kont kurrenti (eskluż id-dħul) fil-konfront taċ-ċentri *offshore* jistgħu jiġu rrappurtati jew separatament jew b'mod mhux distingwibbli taħt il-kategorija tal-partita ta' residwu. Ara l-kompożizzjoni fit-Tabella 11. M'hu meħtieġ l-ebda tqassim individwali..
(4) Ara l-kompożizzjoni fit-Tabella 12. M'hu meħtieġ l-ebda tqassim individwali."

5. It-Tabella 13 hija emendata billi jiddahhlu l-fillieri li ġejjin fl-ahhar tat-Tabella:

| | | | |
|---|---|---|---|
| **"Tqassim tad-dhul minn parteċipazzjoni azzjonarja** | | | |
| Bilanċ tal-pagamenti trimestrali<br>Partiti I. Ċ.2.1.1.1 u Ċ.2.1.1.2 (*) | T4 2007 | Marzu 2008 | Anness III, Tabella 2 |
| **Tqassim tad-dhul minn investiment iehor** | | | |
| Bilanċ tal-pagamenti trimestrali<br>Partiti I.Ċ.2.3.1 sa Ċ.2.3.3 (*) | T4 2008 | Marzu 2009 | Anness III, Tabella 2 |
| Partiti tal-Memorandum 1 sa 4 (*) | T4 2008 | Marzu 2009 | Anness III, Tabella 2 |
| **Tqassim tat-trasferiment kurrenti** | | | |
| Bilanċ tal-pagamenti trimestrali<br>Partiti I. D.1, D.2, D.2.1 u D.2.2 (*) | T4 2007 | Marzu 2008 | Anness III, Tabella 2 |
| Partiti I. D.1.1 sa D.1.8 u D.2.2.1 sa D 2.2.11 (*) | T4 2008 | Marzu 2009 | Anness III, Tabella 2 |
| **Tqassim tal-kont kapitali** | | | |
| Bilanċ tal-pagamenti trimestrali<br>Partiti II.A u II.B (*) | T4 2007 | Marzu 2008 | Anness III, Tabella 2 |
| Partiti II.A.1 u II.A.2 (*) | T4 2008 | Marzu 2009 | Anness III, Tabella 2 |
| **Investiment tal-portafoll — titoli ta' interess azzjonarju — fondi ta' investiment u ishma ta' fondi tas-suq tal-flus** | | | |
| Bilanċ tal-pagamenti trimestrali | T1 2010 | Ġunju 2010 | Anness III, Tabella 2 |
| Pożizzjoni internazzjonali ta' l-investiment trimestrali | T1 2010 | Ġunju 2010 | Anness III, Tabella 4 |
| Pożizzjoni internazzjonali ta' l-investiment annwali | Fl-ahhar ta' Diċembru 2009 | Ġunju 2010 | Anness III, Tabella 5 |

(*) Ara t-Tabella 2 ta' l-Anness III."

*ANNESS III*

L-Anness IV tar-Rakkomandazzjoni BĊE/2004/16 huwa emendat kif ġej:

1. Immedjatament qabel is-Sezzjoni 1, qed jiddaħħal it-test li ġej:

   "Il-kliem 'resident' u 'residenti' jaqgħu fid-definizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 1.4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2533/1998. Fil-każ taż-żona ta' l-euro, it-territorju ekonomiku jikkomprendi: (i) it-territorju ekonomiku ta' l-Istati Membri parteċipanti; u (ii) il-BĊE, li huwa meqjus bħala unità residenti taż-żona ta' l-euro.

   Il-bqija tad-dinja (RoW) tikkomprendi t-territorji ekonomiċi 'il barra miż-żona ta' l-euro, jiġifieri Stati Membri li ma adottawx l-euro, pajjżi terzi kollha u organizzazzjonijiet internazzjonali, inkluż dawk li jinsabu fiżikament ġewwa ż-żona ta' l-euro. L-istituzzjonijiet ta' l-UE kollha ([1]) huma kkunsidrati li huma residenti barra ż-żona ta' l-euro. Għalhekk, it-tranżazzjonijiet kollha ta' Stati Membri parteċipanti fil-konfront ta' l-istituzzjonijiet ta' UE huma rreġistrati u kklassifikati bħala tranżazzjonijiet mhux taż-żona ta' l-euro fl-istatistika tal-bilanċ tal-pagamenti taż-żona ta' l-euro u tal-pożizzjoni internazzjonali ta' l-investiment.

   Fil-każijiet imsemmijin hawn taħt ir-residenza hija ddeterminata kif ġej:

   (a) persunal mill-ambaxxati u bażijiet militari għandhom jiġu kklassifikati bħala residenti tal-pajjiż ta' oriġini tagħhom, jiġifieri issir distinzjoni bejn persunal impjegat minn fost ir-residenti tal-pajjiż ospitanti u dawk mill-pajjiż li jirrappreżentaw l-ambaxxata jew il-bażi militari;

   (b) meta jkun hemm tranżazzjonijiet internazzjonali dwar artijiet u/jew bini ( eż djar tal-villeġġjatura), il-proprjetarji jiġu kkunsidrati daqslikieku ttrasferew il-proprjetà tagħhom lil unità istituzzjonali fittizja li hija attwalment residenti fil-pajjiż fejn tinsab il-proprjetà. L-unità fittizja hija kkunsidrata li hija proprjetà u kkontrollata mill-proprjetarju mhux residenti;

   (ċ) fin-nuqqas ta' dimensjoni fiżika sinifikanti ta' entità, eż. fondi ta' investiment (għad-differenza mill-maniġers tagħhom), vetturi ta' *securitisation*, u xi entitajiet ta' skop speċjali, ir-residenza tagħha hija ddeterminata mit-territorju ekonomiku li taħt il-liġijiet tagħha hija inkorporata. Jekk l-entità mhijex inkorporata, jintuża d-domiċilju legali bħala kriterju, jiġifieri l-pajjiż li s-sistema legali tiegħu tirregola l-ħolqien u l-eżistenza kontinwata ta' l-entità."

2. Fit-tielet paragrafu tas-subsezzjoni 1.1, it-tieni sentenza ('Id-differenza prinċipali hija li l-BĊE ma jeħtieġx tqassim taddħul ta' l-investimet dirett minn parteċipazzjonijiet azzjonarji f'profitti distribwiti u dawk li mhumiex.') hija rrevokata.

3. It-tieni paragrafu tas-subsezzjoni 1.2 ('Filwaqt li l-komponenti standard ta' l-IMF tal-kont kapitali jikkonsistu fi tqassim settorali fil-partiti "gvern ġenerali" u "setturi oħra" (b'aktar tqassim minn hemm 'il quddiem), il-BĊE jikkumpila biss kont kapitali f'somma waħda, mingħajr l-ebda tqassim.') huwa rrevokat.

*ANNESS IV*

L-Anness VII tar-Rakkomandazzjoni BĊE/2004/16 huwa emendat kif ġej:

1. Fit-tielet paragrafu, it-tieni sentenza ("Għalhekk, jekk il-'*Project Closure Document*' għall-Fażi 1 tal-proġett tas-CSDB ma jiġix ippreżentat lill-Kunsill Governattiv permezz tal-Kumitat ta' l-Istatistika tas-Sistema Ewropea tal-Banek Ċentrali sa l-aħħar ta' Marzu, 2005, din l-iskadenza se tiġi posposta bl-istess tul ta' żmien korrispondenti għal dak id-dewmien fil-preżentazzjoni tad-dokument lill-Kunsill Governattiv.") hija rrevokata.

2. Is-sentenza li tibda "Minn Marzu 2008" u li tispiċċa "fit-tabella li ġejja" hija sostitwita bis-sentenza li ġejja:

   "Mid-data speċifikata fil-paragrafu 1.6 ta' l-Anness I, u wara l-kunsiderazzjoni ta' l-għażla *phasing-in* imsemmija f'dak il-paragrafu, is-sistemi ta' ġbir ta' l-investiment tal-portafoll taż-żona ta' l-euro jikkonformaw ma' wieħed mill-mudelli fit-tabella li ġejja:".

([1]) Il-BĊE mhux inkluż.